MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 1199/1999/1

**Joseph u Carmen konjugi Gaffarena**

**vs**

**Mixer Limited u b'digriet tas-27 ta' Ottubru, 1999 gie kjamat in kawza Emanuel Gaffarena u b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2000 il-Qorti rrevokat 'contrario imperio' d-digriet fejn gie kjamat in kawza Emanuel Gaffarena**

**Il-Qorti:**

F’dan l-appell din il-Qorti qed tigi mitluba li tirrevoka sew id-digriet moghti mill-ewwel qorti fil-15 ta’ Marzu, 2000 li permezz tieghu gie rrevokat ‘contrario imperio’ id-digriet precedenti ta’ dik il-Qorti ghas-sejha in kawza ta’ Emanuel Gaffarena kif ukoll li tigi revokata, annullata u mhassra s-sentenza fil-meritu moghtija fis-26 ta’ April, 2000 meta giet michuda l-kontro-talba tas-socjeta konvenuta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta u giet milqugha t-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta.

Dawn il-proceduri gew introdotti b’citazzjoni presentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta’ Mejju, 1999 fejn gie premess illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici ta’ l-atturi fis-somma ta’ mitejn u hamsin elf lira maltin (LM250,000) oltre l-imghax, liema somma hija dovuta bhala bilanc minn somma akbar skond skrittura privata datata 4 ta’ Gunju, 1991 (Dok A); gie premess ukoll li s-socjeta` konvenuta giet interpellata permezz ta’ tlett ittri ufficjali datati 7 ta’ Marzu, 1995, 24 ta’ Marzu, 1995 u 10 ta’ Settembru, 1997 u ittra interpellatorja ohra datata 6 ta’ Mejju, 1999 u dan sabiex is-socjeta` konvenuta thallas l-ammonti dovuti pero` dina baqghet inadempjenti; u billi, kif premess fic-citazzjoni, dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-atturi is-socjeta` konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talba attrici ghall-hlas ta’ dan id-debitu, dik il-Qorti ntalbet li:-

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-atturi bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12, u
2. tikkundanna l-konvenut ossia lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u hamsin elf lira maltija (LM250,000) liema somma hija dovuta bhala bilanc minn somma akbar skond skrittura datata 4 ta’ Gunju, 1991.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.

Ghall-ahjar intendiment tal-aggravji mressqa mis-socjeta` appellanti kif hawn taht riprodotti huwa utili li jigu elenkati l-fatti tal-kawza.

1) Fl-udjenza tas-16 ta’ Gunju, 1999 u wara li xhed Sebastian Dalli, il-Qorti awtorizzat lis-socjeta` konvenuta tikkontesta t-talba attrici b’terminu ta’ ghoxrin gurnata ghall-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet.
2) B’nota tas-6 ta’ Lulju, 1999 is-socjeta` konvenuta resqet is-segwenti eccezzjonijiet:-
a) Illi preliminarjament u minghajr hsara ghall-ezami tal-ittri gudizzjarji imsemmija fic-citazzjoni kif ukoll tan-notifiki taghhom, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a termini tal-artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) Illi di piu` u minghajr pregudizzju ghall-premess ic-citazzjoni attrici hija irrita u ghalhekk nulla u bla effett ghax ma thaddanx talba ghad-dikjarazzjoni mill-Qorti li l-ammont huwa dovut;
c) Illi fil-meritu l-pretensjonijiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mill-kotba tal-kumpanija ma jirrizulta bl-ebda mod illi hija debitrici tal-atturi fl-ebda ammont kwalsiasi u certament ma jezisti ebda ammont cert, likwidu u dovut mis-socjeta` konvenuta favur l-attrici (<u>recte</u>: atturi);
d) Illi bla pregudizzju l-unika referenza ghall-self mill-atturi jew min minnhom qua azzjonisti li jirrizulta mill-kotba tal-kumpanija ilu mhallas fl-intier tieghu sa minn tmiem is-sena 1992, u dan kif jirrizulta mill-istess kotba tal-kumpanija;
e) Illi in oltre mill-istess kotba tal-kumpanija jirrizulta bil-maqlub illi s-self azzjonarju kien jammonta sal-31 ta’ Dicembru, 1991 ghall-mija sitta u ghoxrin elf u hames mija hamsa u erbghin lira maltin (LM126,545) u mid-dikjarazzjoni tal-atturi stess jiddikjaraw illi gja thallsu sal-lum tlett mija u hamsin elf lira Maltin (LM350,000), debituri allura l-atturi tal-kumpanija konvenuta fl-ammont li hallsithom in eccess ta’ dak lilhom dovut fl-ammont ta’ mitejn erbgha u ghoxrin elf erba’ mija hamsa u hamsin lira Maltin (LM224,455);
f) Illi di piu tigi eccepita il-legalita`, veracita` u validita` tal-iskrittura mmarkata Dok A fic-citazzjoni odjerna u dan stante illi kemm a termini tas-suespost u kif jista` jigi iktar ippruvat ma tirrizultax ibbazata fuq fatti u okkorrenzi veri u reali;

g) Illi anke f'dan is-sens il-kjamata in-kawza ta' Emmanuel Gaffarena ex-azzjonista u ex-direttur tas-socjeta` Mixer Ltd hija fortement essenzjali u definittivament mehtiega;

h) Illi ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi.

3) Flimkien man-nota tal-eccezzjonijiet is-socjeta` konvenuta appellanti pprevaliet ruhha mill-provedimenti ta' l-Artikolu 396 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi ppresentat kontro-talba fejn gie premess:-
"illi kif gja premess fid-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta l-unika referenza ghall-self mill-atturi jew min minnhom qua azzjonista li jirrizulta mill-kotba tal-kumpanija ilu mhallas fl-intier tieghu sa minn tmiem is-sena 1992, u dan kif jirrizulta mill-istess kotba tal-kumpanija; illi jirrizulta inoltre mill-istess kotba tal-kumpanija illi dan l-ammont ta' self azzjonarju kien jammonta sat-31 ta' Dicembru, 1991, f'massimu ta' mija sitta u ghoxrin elf u hames mija hamsa u erbghin lira Maltin (LM126,545); illi mid-dikjarazzjoni tal-atturi stess illum qed jirrizulta li sal-lum s-socjeta` Mixer Limited invece hallset l-ammont ta' tlett mija u hamsin elf lira Maltin (LM350,000) lill-atturi rikonvenuti u ghalhekk huma debituri taghha fl-ammont li hallsithom in eccess ta' dak lilhom dovut fl-ammont ta' mitejn erbgha u ghoxrin elf erba' mija hamsa u hamsin lira Maltin (LM224,455); ghalhekk is-socjeta` konvenuta talbet li dik il-Qorti:-
1. tiddikjara u tiddecidi illi huwa debitur tas-socjeta` Mixer Limited fl-ammont ta' mitejn erbgha u ghoxrin elf erba' mija hamsa u hamsin lira (LM224,455), liema somma hija dovuta bhala ammont imhallas in eccess minn dak illi fil-fatt kien minnha dovut;
2. tikkundanna lill-attur rikonvenut ihallas lill-istess socjeta` Mixer Ltd dan l-ammont ta' mitejn erbgha u ghoxrin elf erba' mija hamsa u hamsin lira (LM224,455) u dan bl-imghaxijiet legali mid-data li l-istess attur rikonvenut iddikjara illi kien ircieva l-ammont ta' tlett mija u hamsin elf lira (LM350,000).

Bl-ispejjez u interessi legali kontra l-attur rikonvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

4) B’nota tat-12 ta’ Lulju, 1999 l-atturi rikonvenuti eccepew illi t-talba tas-socjeta` konvenuta ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li hija nfondata kemm fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kreditu dovut lill-atturi rikonvenuti huwa bazat fuq skrittura privata waqt li t-talba odjerna hija bbazata fuq kotba ta’ kumpanija li ma jifformaw ebda rabta kuntrattwali bejn il-partijiet.
5) B’digriet moghti fis-27 ta’ Ottubru, 1999 il-Qorti ta’ l-ewwel grad laqghat it-talba tal-konvenuti ghall-kjamat fil-kawza ta’ Emanuel Gaffarena billi osservat li “*Fil-kaz in ezami l-konvenuti qeghdin anke jikkontestaw il-validita` ta’ l-iskrittura bejn l-attur u Emanuel Gaffarena u ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li jkun utili li jissejjah fil-kawza Emmanuel (sic) Gaffarena billi hu jista` jizviluppa ragunijiet favur jew kontra l-attur dwar dak li gara qabel ma l-konvenuti xtraw il-kumpanija.*”
6) Il-kawza ghalhekk thalliet ghan-notifika tal-kjamat in kawza.

7) Fit-3 ta’ Frar, 2000, fuq rikjesta ta’ Dr. Keith Bonnici, difensur tal-atturi, tramite r-Registru tal-Qorti, giet spedita kopja tac-citazzjoni u avviz tas-smiegh tal-kawza sabiex jigi notifikat il-kjamat in kawza Emanuel Gaffarena fl-indirizz hemm indikat u cioe` fil-fond 62, Triq San Gorg, Paola. Jirrizulta li persuna b’dan l-isem giet notifikata l-ghada fl-indirizz moghti kif jidher mir-riferta a fol 36 tergo. Biss gara li dak inhar stess Emanuel Gaffarena, residenti fl-indirizz fuq imsemmi, pprezenta nota fejn iddikjara “*illi huwa mhux il-persuna indikata bhala l-kjamat fil-kawza ghalkemm ghandu l-istess isem.”* Fuq din l-istess nota nsibu wkoll dikjarazzjoni ta’ Dr. Keith Bonnici, li, kif rajna aktar ‘l fuq, kien il-persuna li instiga n-notifika ta’ Emanuel Gaffarena fl-indirizz imsemmi, li tghid hekk: “*Jiena nikkonferma illi l-fuq imsemmi persuna mhix dik indikata fic-citazzjoni u ghalhekk in-notifika mhix valida.*”

8) Fl-udjenza ta’ l-1 ta’ Marzu, 2000, u billi l-kjamat in kawza ma kienx ghadu gie notifikat, Dr. Bonnici talab ir-revoka “contrario imperio” tad-digriet li bih giet milqugha t-talba ghall-kjamata in kawza mal-konvenuti u dana “*stante li l-konvenuti mhux interessati li jinnotifikawhom.*”

Dakinhar il-kawza thalliet ghas-seduta tal-15 ta' Marzu, 2000 fid-9.15 a.m. "*bhala l-ahhar differiment ghan-notifika tal-kjamat in kawza.*"

9) Fit-2 ta' Marzu, 2000, din id-darba fuq rikjesta tad-difensur tas-socjeta` konvenuta, rega sar pagament fir-Regsitru tal-Qorti ghall-hrug tan-notifika tal-kjamat in kawza, din id-darba fl-indirizz 7, Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Birzebbuga. F'din l-okkazzjoni r-riferta kienet negattiva billi ma fetah hadd. Sussegwentement wara talba proposta mis-socjeta` konvenuta, l-ewwel qorti akkordat in-notifika tal-kjamat in kawza wara l-hinijiet legali biss jidher li dan it-tentattiv ma kellux ezitu posittiv ghax meta l-ufficjal tal-Qorti fl-14 ta' Marzu, 2000 mar fl-indirizz indikat hemm sab persuni bil-kunjom Polidano. Fl-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2000 il-Qorti ghalhekk irrevokat 'contrario imperio' d-digriet precedenti taghha wara li osservat li "*l-kjamat fil-kawza ma giex notifikat.*" u ddifferit il-kawza ghas-7 ta' April, 2000 "*biex l-attur jipprezenta l-affidavit.*" Dan l-att, ghalkemm debitament ipprezentat fir-registru tal-Qorti b'nota tat-28 ta' Marzu, 2000, jidher li ma gie qatt notifikat lill-kontro-parti ( vide riferta tal-4 ta' April, 2000 (fol 64 tergo)), billi f'dan l-uniku tentattiv ta' notifika kien "*refused*" kif jidher mir-riferta relativa.

10) Is-socjeta` konvenuta ma attendietx l-udjenza tas-7 ta' April, 2000. Dak inhar lanqas ma deher id-difensur taghha. Kien ghalhekk li d-difensur tal-atturi talab il-liberatorja mill-kontro-talba tal-konvenut u pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta` konvenuta. Il-kawza giet imhollija ghas-seduta tas-26 ta' April, 2000 ghall-provvediment fuq it-talba ghal-liberatorja u ghas-subizzjoni tal-konvenut. F'dik l-udjenza la deher rappresentant tas-socjeta` konvenuta u lanqas id-difensur taghha u konsegwentment l-ewwel qorti ghaddiet biex cahdet il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez kontriha u, wara li rat il-kapitolu tal-atturi li gie kunsidrat bhala "*moqri*" billi l-konvenut ma deherx ghal dik is-seduta u lanqas fis-seduta precedenti, il-Qorti pprocediet ghas-sentenza u laqghet it-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Fir-rikors ta’ l-appell taghha s-socjeta` konvenuta qed tilmenta li bil-mod kif imxiet l-ewwel Qorti, jirrizultaw “*certi nuqqasijiet ta’ indoli procedurali fil-mod tat-trattament tal-kawza u tal-ghaggla zbrigattiva biex tigi determinata l-vertenza.*” Dan premess, is-socjeta` appellanti, filwaqt li tirrikonoxxi d-dover tal-Qorti li timxi b’certa speditezza, tosserva li “*dan kollu pero` ghandu jigi prattikat b’mod ragionevoli tenut rigward ghad-dritt suprem tas-smiegh xieraq u tal-principji tal-gustizja, skarni mill-legalizmu esagerat u formalismu rigidu.*”

Fil-kuntest ta’ dawn is-sottomissjonijiet s-socjeta` appellanti resqet diversi aggravji relatati mat-trattament li gie akkordat lilha in prim’istanza.

a) **Ir-revoka tad-digriet tal-kjamat in kawza.**
Qed jigi sottomess mis-socjeta` appellanti li l-ewwel Qorti ma kellhiex tirrevoka d-digriet ghas-sejha fil-kawza ta’ Emanuel Gaffarena u dana billi bejn id-data ta’ l-akkoljiment ta’ din it-talba u r-revoka taghha ‘contrario imperio’ saru tlett tentattivi ta’ notifika. Dan huwa minnu, biss din il-Qorti tosserva li ghalkemm id-digriet tas-sejha fil-kawza, istigat mill-istess socjeta` konvenuta, inghata fis-27 ta’ Ottubru, 1999, kien biss fit-2 ta’ Marzu 2000, u cioe` wara l-udjenzi tal-15 ta’ Dicembru, 1999 tat-18 ta’ Frar, 2000, u tal-1 ta’ Marzu, 2000 li s-socjeta` konvenuta ghamlet l-ewwel tentattiv taghha biex tinnotifika lill-kjamat in kawza. Inoltre jidher li dana it-tentattiv kien istigat biss mit-talba tad-difensur tal-atturi, li, fl-udjenza tal-1 ta’ Marzu, talab ir-revoka “contrario imperio” tal-imsemmi digriet “*stante li l-konvenuti mhux interessati li jinnotifikawhom.*” Infatti kien biss l-ghada ta’ din is-seduta li sar tentattiv ta’ notifika. Dan pero` ma kellux ezitu positiv billi meta mar l-ufficjal tal-Qorti ma fetahlu hadd. Inoltre fl-14 ta’ Marzu, 2000, wara li giet akkolta talba ghan-notifika “*wara l-hinijiet legali*” rrizulta li fl-indirizz indikat mis-socjeta` konvenuta kienu jabitaw persuni ohra.

Minn dan jidher li s-socjeta` konvenuta mhux biss ma agixxitx b'dik l-ispeditezza mehtiega fi proceduri li, wara kollox kienu gew istitwiti b'mod sommarju, billi halliet li jghaddu erba' xhur qabel ma ittantat taghmel in-notifika tal-persuna li hija stess kienet talbet il-kjamata in kawza taghha, talli ukoll lanqas uzat id-diligenza mehtiega stante li f'dak il-perjodu kollu lanqas biss ma sar tentattiv li jigi ottenut l-indirizz korrett tal-persuna kjamata in kawza, haga li, in vista tal-kariga bhala ex-direttur tas-socjeta` konvenuta (gja maghrufa bhala Planka Limited), tal-istess kjamat in kawza – dan l-indirizz kellu jirrizulta mill-kotba tal-istess socjeta` jew alternattivament seta` facilment jigi ottenut mill-awtoritajiet kompetenti.

L-ewwel Qorti, rinfaccata bit-talba ghar-revoka tad-digriet taghha, u tenut kont tal-attitudini tas-socjeta` konvenuta f'dan ir-rigward, tad-dewmin fuq imsemmi, kif ukoll tal-fatt li fl-udjenza ta' l-15 ta' Marzu 2000 ghall-liema data il-kawza kienet thalliet "*bhala l-ahhar differiment ghan-notifika tal-kjamat in kawza* " meta la l-konvenut u lanqas id-difensur tieghu ma hassew il-htiega li jattendu, <u>kienet mhux biss intitolata izda kien doveruz fuqha li tipprocedi bil-mod kif ipprocediet</u>. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

b) **In-nuqqas ta' notifika ta' l-affidavit.**

Fl-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2000 wara li l-ewwel Qorti rrevokat id-digriet taghha ghas-sejha fil-kawza ta' Emanuel Gaffarena, ordnat li l-kawza tigi differita ghas-7 ta' April, 2000 fid-9.15 a.m. biex l-attur jipprezenta l-affidavit tieghu. L-affidavit ta' Joseph Gaffarena gie preparat fil-21 ta' Marzu, 2000 kif attestat mit-timbru tal-Commissioner for Oaths a fol. 47 u presentat fir-Registru tal-Qorti permezz ta' nota tat-28 ta' Marzu, 2000. Dak inhar thallas ukoll id-dritt tar-Registru biex tigi jeffettwata n-notifika ta' Mixer Ltd fl-indirizz indikat fic-citazzjoni bhala "Mdina Road, Zebbug." Jirrizulta mir-riferta tal-ufficjal tal-Qorti datata 4 ta' April, 2000, a fol 64 tergo, li din in-notifika qatt ma saret billi l-att gie rifjutat minn persuna injota. Fl-udjenza sussegwenti, u cioe` dik tas-7 ta' April, 2000, rapprezentant tas-socjeta` konvenuta u d-difensur tieghu regghu ma dehrux u kien ghalhekk li, f'dik l-udjenza

d-difensur tal-atturi talab il-liberatorja mill-kontro-talba u fl-istess hin ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut. Dakinhar il-kawza giet differita ghall-provvediment fuq it-talba ghal-liberatorja u ghas-subizzjoni. Issa, skond s-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 187 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, in-notifika ta' korp li jkollu personalita` guridika distinta, ghandha ssir billi "*tithalla kopja ta' l-iskrittura:*

*a) fl-ufficcju registrat, fl-ufficcju principali, tieghu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew*

b) *f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 181A bil-mod provdut fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.*"

Il-persuni idonei skond is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 181A huma dawk li ghandhom ir-rappresentanza guridika ta' dak il-korp, is-segretarju tal-kumpannija, jew kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f'ismu jew li jaghmel dikjarazzjoni, nota ta' eccezzjonijiet jew skrittura ohra bhal dawk imsemmija. Is-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 187, imbaghad, jipprovdi l-procedura li tista' tigi sewgita sabiex tigi effettwata notifika valida ta' korp li jkollu personalita` guridika distinta, meta jirrizulta li mill-anqas xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 181A ikun jinsab Malta, u cioe` billi titwahhal kopja tal-att fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti, fejn dak il-korp ikollu l-ufficcju registrat, ufficcju principali jew post tan-negozju tieghu, u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gurnal ta' kuljum. Fil-kaz li l-persuni imsemmija fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 181A ma jkunux hawn Malta jew ma jezistux, il-Qorti ghandha tahtar kuraturi kif provdut fis-subartikolu (6) ta' l-Artikolu 187.

Issa fil-kaz in ezami r-riferta tal-ufficjal tal-Qorti nkarigat bin-notifika tghid biss li l-att kien "refused" u ma hemm ebda indikazzjoni ta' min kienet il-persuna li irrifjutat l-imsemmi att. F'dawn ic-cirkostanzi l-ewwel qorti ma setghetx tapplika dak li hemm provdut fit-tieni proviso tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 187 li jipprovdi li meta n-notifika ta' att tigi rifjutata l-Qorti tista` b'digriet appositu tiddikjara li hemm notifika valida, billi fl-ewwel lok in-notifika qatt ma

kienet intiza li ssir lill-persuna fizika kif kontemplat fis-subartikolu (1) ta’ l-artikolu citat u fi kwalunkwe kaz, qatt ma saret talba mill-parti interessat ghal dan il-ghan. Ghalhekk isegwi li kien indikat li kellhom jigu segwiti l-provvedimenti tas-subartikolu (5) fuq citat billi l-Qorti, wara li tkun sodisfatta li persuni idonei li jircievu att ghan-nom ta’ korp bi personalita` guridika distinta, ikunu prezenti hawn Malta, tordna li tigi effettwata n-notifika bil-mod kif jipprovdi l-istess subinciz. Il-Qorti dan ma ghamlitux (u, ghandu jinghad ghall-korrettezza, anqas kien hemm xi talba minn xi parti biex dan taghmlu), u f’dan is-sens jidher li *prima facie* naqset billi pprivat lill-kontro-parti mid-dritt fondamentali ta’ l-*audi alteram partem*. Dan premess pero` irid issa jigi investigat l-effett tal-kapitolu prezentat mill-atturi wara li rrizulta nuqqas ta’ notifika bl-affidavit tal-attur Joseph Gaffarena lis-socjeta` konvenuta.
Fost il-provi li jistghu jitressqu quddiem il-Qorti hemm is-subizzjoni tal-kontro-parti kif kontemplat fl-Artikolu 693 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-prova bis-subizzjoni, li tista’ tintalab fuq il-kwistjoni kollha fil-kawza, jew fuq parti jew ohra minnha, kif ukoll fuq kull fatt partikolari li jkollu x’jaqsam mal-kawza, tista’ tingieb f’kull waqt tal-kawza, kemm qabel u kemm wara li jingiebu provi ohra, sew fil-qorti ta’ l-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta’ appell. Din il-prova twassal ghall-ammissjoni tal-kweziti maghmula fil-kapitolu li jigi presentat waqt l-udjenza fl-assenza tal-kontro-parti. Dawn il-kapitoli ghandhom isiru bil-miktub u jigu approvati mill-Qorti. Jekk imbaghad il-parti li lilha tinghata s-subizzjoni tonqos li tidher fil-jum li ghalih il-qorti thalli s-smigh tal-kawza, minghajr ma ggib raguni tajba li ghaliha tkun naqset li tidher, il-kapitoli jitqiesu ammessi u accettati u dik l-ammissjoni tista` tittiehed bhala prova kontra l-parti li taghmilha.

Is-sentenza appellata hija motivata bil-prova maghmula bis-subizzjoni tas-socjeta` konvenuta nkwantu l-ewwel qorti qalet espressament hekk fil-parti deciziva tas-sentenza: “*Rat il-kapitolu tal-attur u l-atti tal-kawza. Billi l-konvenut ma deherx fis-seduta tal-lum u lanqas fis-seduta precedenti, tqis il-Kapitolu bhala moqri u mistqarr, u tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta.*” Jidher minn dan li l-ewwel qorti kienet attenta

li tassigura li l-principji li jirregolaw dan l-istitut, ikunu strettament segwiti u, darba ssir l-prova bis-subizzjoni tal-kontro-parti, kemm-il darba l-qorti tkun sodisfatta bil-prova li tinghata bis-subizzjoni tal-konvenut, ma ghandha ebda htiega li timmotiva s-sentenza taghha oltre dik tal-ammissjoni. Jigi osservat inoltre li l-ewwel qorti ssottolineat li meta gew ppresentati l-kapitoli l-konvenut ma kienx presenti fl-awla, u li fid-differiment li inghata ghas-subizzjoni tal-konvenut dan rega' ma deherx. Kien ghalhekk li ddikjarat l-kapitoli mistqarra u pprocediet biex tilqa' t-talba attrici. Kollox ghalhekk kien in regola u, tenut kont ta' dak li inghad fuq  lanqas ma jista' issa l-konvenut jiehu xi vantagg mill-fatt li l-kawza kienet precedentement thalliet ghall-affidavit ta' l-attur, billi, kif rajna aktar 'l fuq is-subizzjoni tal-kontro-parti tista' tintalab f'kull stadju tal-proceduri meta dik il-parti li hekk tissejjah ma tkunx presenti fl-awla minghajr ebda raguni valida.

Illi ghall-kapitolu per se jidher li l-mistoqsijiet maghmula mill-atturi ghas-subizzjoni tal-konvenut, huma proprju indirizzati lejn il-qalba tal-kwistjoni billi bihom l-atturi ma riedux biss li jigi konfermat il-kreditu taghhom imsemmi fic-citazzjoni, izda huma wkoll indirizzati lejn kwistjonijiet ohra imsemmija fin-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li jolqtu l-validita` tal-iskrittura li minnha jirrizulta l-kreditu tal-atturi. L-aggravji l-ohra dwar il-mod kif twarrbu l-provi l-ohra kollha in atti, ghalhekk ma jidhrux gustifikati.

Finalment din il-Qorti tosserva li l-ewwel qorti kienet skorretta meta cahdet il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta nkwantu l-istess qorti qatt ma kellha provi sufficienti sabiex tasal ghall-konkluzzjoni fir-rigward u ghalhekk dik il-qorti kien messa llimitat ruhha ghall-akkoljiment tat-talba attrici sabiex l-atturi jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward tal-kontro-talba u mhux li tichad din il-kontro-talba. F'dan is-sens l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi milquh.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tipprovdi fuq l-appell tas-socjeta' konvenuta billi tichdu in kwantu jirreferi ghat-talba ghar-revoka tad-digriet tal-15 ta' Marzu, 2000, tichad l-istess appell in kwantu dan huwa indirizzat lejn

revoka tas-sentenza fuq it-talba kontenuta fic-citazzjoni attrici, u tirriforma l-istess sentenza appellata limitatament in kwantu din ippronunzjat ruhha fuq il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta billi cahditha, liema cahda qed tigi dikjarata nulla, u ghalhekk l-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti sabiex din tikkonsidra l-kontro-talba. Dan pero' ma ghandux jeffettwa l-kap tal-ispejjez liema spejjez, ghandom jigu kollha sopportati mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------